MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2013

Numru. 224/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Geoffrey Azzopardi)**
**vs**
**Wayne Delia**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Wayne Delia** ta' 18 il-sena, bin Martin u Mendy nee' Warner, imwieled Pieta' fil-21 ta' Novembru, 1985, residenti 12 'Casa Delia', Triq Maria Addolorata, Paola u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 574785(M);

Talli fil-Marsa, fil-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' Jannar, 2003 ikkommettejt serq ta' computers ta' tfal mill-fond Twice Kid, Triq il-Labor, Albert Town, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jaccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000) u bil-hin, u li sar ghad-detriment ta' Emanuel Spiteri.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsarat fl-armatura tal-istess stabbiliment, liema hsara separatament tammonta ghal aktar minn hamsin (Lm50) lira izda ma taccedix il-hames mitt lira Maltin (Lm500).

Rat ir-rinvju ghall-gudizzju tal-avukat generali tal-21 ta' Gunju 2004 li permezz tieghu baghat lill-imputat quddiem din il-Qorti sabiex ikun gudikat dwar dak li hemm ravvizat fl-artikoli 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278, 279 u 325 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi fis-seduta tal-21 ta' Marzu, 2007, wara li inqraw l-artikoli, l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tieghu tkun trattata u deciza bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi fit-8 ta' Jannar, 2003, sid il-hanut Twice Kids Toy Shop li jinsab f'Labour Avenue l-Marsa,  kien irraporta lill-Pulizija li ghall-habta tal-ghaxra u kwart ta' filghaxija sab il-hanut tieghu sgassat u li minnu kienu naqsu xi affarijiet elettronici, computer, madwar mitt lira flus u oggetti ohra. Wara li dan ir-rapport kien komunikat lill-Magistrat tal-Ghassa, kienet infethet inkjesta mill-Qorti tal-Magistrati u inhatru esperti sabiex jelevaw u jipprezervaw dak li kollu relevanti;

L-espert nominat mill-Magistrat Inkwirenti, l-Perit Arkitett Richard Aquilina, kien ikkonkluda illi fit-8 ta' Jannar 2003 kienet sehhet serqa bi zgass mill-fond fuq imsemmi u li minn dan il-hanut kienu insterqu l-l-oggetti elenkati fir-relazzjoni tieghu u dan fil-valur totali ta' 1,423.35 liri maltin llum ekwivalenti ghall-€3315.51 (ara fol 30 tal-process). Is-Scene of Crime Officers PS 171 u PS 659 li kienu nominati fl-inkjesta, wara li espletaw l-inkarigu taghhom

irrapurtaw lill-Magistrat Inkwirenti il-konkluzzjnijiet taghhom li kienu jinkludu *lifters* ta’ diversi impronti digitali misjuba u elevati minn fuq il-bieb u l-vetrina tal-hanut in kwisjtoni. Jemergi mill-atti tal-inkjesta (fol 69), illi l-Magistrat Inkwirenti kienet mitluba tinnomina espert sabiex jeleva l-impronti digitali tal-imputat u jkun nominat espert iehor sabiex jipparaguna dawn l-impronti ma’ dawk elevati minn fuq ix-xena tal-allegat delitt. Ezegwit dak l-inkarigu, l-Magistat Inkwirenti kienet infurmata illi kien l-paragun kien wiehed pozittiv, jigifieri li l-impronti tal-imputat kienu jaqblu ma’ dawk elevati minn fuq ix-xena tal-allegat delitt. Kien ghalhekk illi l-imputat tressaq sabiex iwiegeb ghall-akkuzi odjerni;

Il-pulizija kienet interrogat lill-imputat dwar dak appena rikaptat u l-imputat kien ghazel illi jirrilaxxja stqarrija li hija esebita a fol 13 *et seq*, liema stqarrija, izda mhix iffirmata mill-imputat. Din il-Qorti, kif drabi ohra rriteniet, mhix ser tiehu konjizzjoni tal-istqarrija la darba mhix iffirmata u ma tistax tifhem kif il-prosekuzzjoni tinsisti li tesebixxi stqarrijiet ta’ persuni li jkunu ghazlu li ma jiffirmawx dak li allegatament intqal minn persuna waqt interrogatorju;

Fil-mori ta’ dawn il-proceduri, l-esperti kollha mahtura ikkonfermaw ir-relazzjonijiet taghhom quddiem din il-Qorti, kompriz l-espert tal-impronti digitali li ghamel il-paragun bejn il-lifters u l-impronti tal-imputat. Gara pero’ illi din l-espert telqet minn Malta u kienet mistennija ghall-zmien twil sabiex isir il-kontro-ezami taghha izda wara diversi snin kien apparenti li din mhix ser tirritorna. Ghalhekk fuq suggeriment tal-Qorti li mieghu qablu l-partijiet, inhatar espert tal-impronti digitali iehor sabiex jaghmel il-paragun mehtieg u tkun skartata r-relazzjoni tal-espert precedenti. Tajjeb li jinghad ukoll illi l-espert li inhatar minn din il-Qorti kif preseduta huwa l-istess espert li kien eleva l-impronti tal-imputat fuq talba tal-avukat generali u peress illi f’dak iz-zminijiet, minhabba komplikazzjoni legali ma kienx konsentit li min jeleva impronti ta’ suspettat jaghmel ukoll l-ezami komparattiv, kien mahtur espert iehor ghal dan l-iskop li kif gia intqal qatt ma rritornat biex isir il-kontra ezami taghha. Wara zviluppi legali fil-kamp kriminali, kien accettat li espert li jeleva l-impronti ta’ persuna jista’ ukoll

jaghmel l-ezami komparattiv mal-lifters basta ma jkunx ukoll ippartecipa fl-elevar tal-impronti minn fuq ix-xena. L-espert il-gdid, Joseph Mallia, wasal ghall-konkluzzjoni illi mill-esebiti kollha, tnejn mill-impronti elevati mix-xena kienu jaqblu mal-impronti tal-imputat senjatament mas-subgha tan-nofs u dak tac-curkett tal-id il-leminija. Lifter iehor kien jaqbel ukoll mas-subgha l-kbir ta' id ix-xellugija tal-imputat u lifter iehor kien jikkompara pozittivament mas-subgha l-kbir tal-id il-leminija tieghu. L-impronti tal-imputat ghalhekk qablu ma dawk elevati mix-xena u dawn huma dokumentati bhala 304, 305 u 306 fir-relazzjoni a fol 38. Jemergi illi l-lifter 304 jirreferi ghall-impronti digitali misjuba fuq il-parti ta' barra tal-bieba tal-hgieg tal-vetrina li kienet gewwa l-hanut, il-lifter 305 huwa ta' impronta digitali misjuba fuq l-istess parti ta' barra tal-bieba tal-vetrina minn barra filwaqt illi l-lifter 306 huwa ta' impronta digitali misjuba fuq in-naha ta' gewwa tal-istess bieba tal-vetrina.

Fis-sottomissjonijiet taghha, id-difiza tirritjeni illi minkejja l-paragun pozittiv tal-impronti tal-imputat ma' dawk misjuba fuq ix-xena, ma hemm xejn x'jorbot lill-imputat mal-kaz odjern, jigifieri mal-izgass u sussegwenti serq. L-impronti tal-imputat qabblu mal-impronti tas-swaba misjuba fuq il-vetrina tal-hanut in kwisjtoni. Issa dwar din it-tezi, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-28.5.1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Abela.** F'kawza fejn il-fatti specie huma simili ghal dik odjerna, l-Qorti irriteniet illi sejba ta' impronti digitali f'hanut bhala post espost ghall-pubbliku, timmerita konsiderazzjoni ferm differenti minn kaz fejn dan ma kienx hekk. Ragunament mod iehor ifisser li kull persuna li thalli l-impronti taghha f'post pubbliku ghandha titqies bhala persuna suspetta tal-kommissjoni tar-rejat u dan m'ghandhux ikun hekk. Il-Qorti irriteniet illi f'kaz bhal dak odjern, s-sejbien tal-impronti tkun tinnecessita korroborazzjoni minn fatturi ohra. Issa fil-kaz odjern, l-impronti tal-imputat instabu fuq il-hgieg ta' vetrina li tinsab gewwa l-hanut. L-impronti instabu sew fuq il-hgiega minn barra kif ukoll minn gewwa u fil-fehma tal-Qorti l-impronta fuq il-gewwa tal-vetrina huwa fattur korroboranti bizzejjed biex tinkrimina lill-imputat ghaliex il-pubbliku m'ghandux

access ghall-parti interna tal-vetrina. Ir-ritratti dokumentati bhala 307 sa 315 fil-fatt juru minn fejn kienu elevati dawn l-impronti digitali li hija vetrina tal-hgiega u injam sitwata fil-hanut li tinghalaq b'bieba tal-hgieg;

Issa, l-access ghal dan il-hanut sar permess ta' zgass u dan l-izgass ikkawza hsarat fil-bieb principali tal-hanut li tieghu s-sid ressaq prova tal-valur kif jemergi minn fol. 56 tal-process.

Il-Qorti ghalhekk hija konvinta illi l-prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha fil-grad li trid il-ligi u konsegwentement qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278(3) u 325 tal-kodici kriminali Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Rat il-fedina penali aggoranta tal-imputat;

Rat illi, kif tajjeb irrilevat id-difiza, l-imputat kien ghadu ma ghalaqx it-18-il sena fid-data tal-kommissjoni tar-rejat u ghalhekk il-Qorti ghandha tapplika d-dispost tal-artikolu 31 jigifieri li tnaqqas il-piena applikabbli bi grad. Issa l-piena applikabbli hija ta' prigunerija bejn 5 xhur sa 3 snin li m'ghandhiex tinghata fil-minimu taghha skond l-artikolu 278(3) tal-Kap 9. Dan ifisser li l-piena ghandha tkun ta' prigunerija bejn xahrejn u sentejn. Il-fedina penali raffrettarja tal-imputat tinduci lil din il-Qorti fid-direzzjoni li tapplika l-piena karcerarja u ghalhekk qed tikkundanna lill-imputat ghal-terminu ta' prigunerija ta' tlettax-il xahar mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------